**Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri)**

**S.T.O.Prim Imħallef Dr Mark Chetcuti LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Giovanni Grixti LL.D.**

**Appell Numru: 01/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Al Mahy Ezzo Saeed**

Illum, 20 ta' Marzu 2024

Il-Qorti,

**1**. Rat l-akkużi dedotti kontra l-imputat, Al Mahy Ezzo Saeed, detentur tal-karta ta'l-identita' Maltija bin-numru 9002047A, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli nhar l-24 ta' Lulju, 2022, ġewwa dawn il-gżejjer għall-ħabta ta' bejn il-ħamsa u nofs (17:30) u s-sitta u nofs (18:30) ta' filgħaxija u/jew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, senjatament gewwa Triq Patri Feliċjan Bilocca u/jew fil-viċinanzi, fil-Marsa, Malta:

> 1. Dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna, ċioe lil Mahmoud Adly Qasim Gouda, imwieled nhar il-wieħed u għoxrin (21) jum tax-xahar ta' Novembru tas-sena elf u disa' mija u sitta u disgħin (1996), ta' nazzjonalità Eġizzjana, detentur tan-numru tal-Pulizija 19N-035, jew li jqiegħed il-ħajja tal-istess Mahmoud Adly Qasim Gouda f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt;

2. U aktar talli, fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u ċioe' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u ċioe nhar l-erbgħa u għoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-ħin li kien qiegħed jagħmel delitt kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari u/jew imitazzjoni ta' arma regolari;

4. U aktar talli, fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u ċioe' nhar l-erbgħa u għoxrin (24) jum tax-xahar ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

**2**. Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Marzu 2023 magħmul quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn l-appellant ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li l-Qorti tal-Maġistrati wissietu bil-konsegwenzi tal-amissjoni tiegħu u wara li tatu żmien biex jikkonsidra l-istess.

**3.** Rat id-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati tal-istess jum fejn a tenur tal-artikolu 392B(1) bagħtet l-atti lill-Avukat Ġenerali skont il-liġi.

**4**. Rat n-nota li ggib id-data tal-1 ta' Frar 2023 fejn l-Avukat Generali nforma lil Qorti Kriminali, li a bazi tal-artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat irreġistra l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

**5**. Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali, tat-18 ta' Settembru 2023, fejn il-Qorti sabet lill-akkużat ħati tar-reati kollha kif addebitati fil-konfront tiegħu u dan kif ammessi minnu quddiem il-Qorti, u wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe l-artikoli 17(h), 211(1)(2), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannatu tletin sena priġunerija u multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu euro (€116.47). Ordnat li ż-żmien li l-akkużat għamel taħt arrest preventiv jiġi mnaqqas mill-perijodu ta' priġunerija impost bis-sentenza.

Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati. A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ, b'dan li jekk dawn l-ispejjeż peritali ma jitħallsux fi żmien sena mid-data tas-sentenza dawn jiġu kkonvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.

**6**. Rat ir-rikors tal-appell ta' Al Mahy Ezzo Saeed, ppreżentat fit-03 ta' Ottubru 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tiegħu għar-reati kollha, takkordalu piena aktar xierqa għaċ-ċirkostanzi.

**7.** Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Al Mahy Ezzo Saeed.

8. Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fis-07 ta' Novembru 2023 fejn saħaq, għar-raġunijiet infraskritti fl-imsemmija risposta, illi l-appell għandu jkun miċħud.

**9**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

**10**. Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**11.** Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena li erogat l-Qorti Kriminali fil-konfront tal-appellant ta' tletin sena priġunerija u multa ta' €116.47, u dan wara li hu ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni saret fl-istadju tal-Istruttorja fit-termini tal-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Illi fl-appell minnu ntentat, l-appellant jilmenta li l-piena imposta fuqu kienet waħda eċċessiva tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

**12**. Illi l-Qorti Kriminali waslet għad-deċiżjoni tagħha abbażi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> **"Illi mis-suespost jidher li l-aggressur akkzuat qabad u bla hniena ta diversi daqqiet lill-vittma b'sikkina tant li spicca miet kagun ta daqqa minnhom. Ili din il-Qorti ma tistax thalli lil min jahseb li jista' jaqbad u iferri nies ta' xejn**

**b'xejn u ma isibx l-id tal-gustizzja li tikkundannah. Illi dak li ghamel l-akkuzat mhu xejn hlief agir barbaru bla qies.**

**L-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fatti speċi partikolari tal-każ u l-piena erogata (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Thafer Idris Gaballah Salem)."**

**......**

**"Illi fil-kaz in desamina jirrizulta li l-aggressur akkuzat zamm fuq persuntu sikkina u dan minghajr raguni gustifikata u minnufih harigha mill-pouch u beda jghati biha. Illi huwa dan l-agir li ghandu jigi mrazzan u penalizzat ghaliex bil-ksuhat tal-aggressur akkuzat spicca miet guvni ta' ghoxrin sena. Dan kien kaz ta' vjolenza bla bzonn ghaliex ma jirrizultax li l-aggressur qatt kien f'xi perikolu. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li dan hu omicidju ikrah hafna u l-akkuzat ghandu ghalhekk jigi penalizzat bi kbir. M'hemmx dubbju li z-zamma u gar ta' sikkina turi certu pre-disposizzjoni li kellu l-akkuzat sabiex jikkommetti delitt bl-uzu ta' din l-arma.**

**Il-Qorti qiset il-fatt li l-akkuzat irregistra ammissjoni u ghalhekk iffranka l-hin prezzjuz taghha u in oltre gew salvati flejjes publici u hin prezzjuz tal-amminsitrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk dan hu fattur li din il-Qorti ser tqis meta tigi biex terroga l-piena. Pero ma tistax minn naha l-ohra ma tipprotegix ic-cittadini taghha u tara li jkun hemm il-kalma u nuqqas ta' perikolu fit-toroq. Dan hu reat mill-iktar kiefer u ghalhekk il-piena ghandha tirrifletti dan il-fattur. Ir-reat ta' omicidju volontarju jgorr mirghu piena ta' ghomor il-habs pero f'dawn ic-cirkostanzi kif fuq deskritti jiggustifikaw li jkun hemm riduzzjoni fil-piena u ghalhekk ma hiex ser tibghat lill-akkuzat sabiex jghamel ghomru l-habs."**

**13**. L-appellant jilmenta, iżda, illi din il-piena ma kenitx xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ fejn jidher illi t-taqtigħa li seħħet bejn l-appellant u il-vittma Mahmoud Adly Qasim Gouda, u li waslet għall-mewt tal-imsemmi Mahmoud, kienet frott ta' passat ta' diżgwid bejn dawn it-tnejn minn nies, u allura ma kenitx waħda mingħajr ġustifikazzjoni, kif tikkonkludi il-Qorti Kriminali. Fuq kollox l-appellant ammetta għall-akkużi lilu addebitati fi stadju bikri liema fattur kellu iwassal għal mitigazzjoni fil-piena erogata.

**14.** Illi kif dejjem ribadit fil-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna f'dawk il-każijiet meta akkużat jew imputat jkun irreġistra ammissjoni, appell mill-piena huwa indeżiderabbli billi mhuwiex normali li tkun disturbata d-diskrezzjoni ta' l-

Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat[1].

**15.** Illi permezz ta'l-Att LII tal-2020, li ġie fis-seħħ mal-promulgazzjoni tiegħu u ċioe' fit-13 ta' Novembru 2020, kien hemm twessiegħ tal-parametri tal-piena erogabbli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, fiċ-ċirkostanzi meta f'xi stadju qabel jiġi fformat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għall-fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena ta' priġunerija għall-għomor[2]. Illi għalhekk min hu imsejjaħ biex jiġġudika għandu d-diskrezzjoni li ma jikkundannax lil ħati għal għomor il-ħabs, iżda jista' jimraħ f'parametri kemmxejn wiesgħa applikabbli llum il-ġurnata. Illi dan it-tibdil li seħħ wassal sabiex minn piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena, twessgħu il-parametri billi il-minimu niżel għal dik tal-priġunerija għal żmien minn tnax-il sena filwaqt illi l-massimu tal-piena erogabbli żdied għal dik tal-priġunerija għal żmien erbgħin sena. Jikkonsegwi għalhekk illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali kienet waħda li taqa' sewwasew f'dawn il-parametri u hija wahda li għalkemm ma tqarribx lejn il-minimu, iżda lanqas ma hija fil-massimu maħsub fil-liġi.

**16**. Issa l-uniku raġuni li jagħti l-appellant, fl-appell minnu ntentat li, fil-fehma tiegħu, kellha twassal sabiex il-piena tkun waħda aktar miti, kien il-fatt illi huwa irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja fit-termini ta'l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Issa kif spiss affermat m'hemm assolutament l-ebda garanzija jew obbligu fuq l-awtorità ġudikanti, li l-piena fil-konfront tal-akkużat li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu tiġi mnaqqsa għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun, kif inghad, fil-parametri tal-liġi.[3]

---

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Zerafa et – App. Sup. 15.12.2015

[2] Artikolu 492 tal-Kodiċi Kriminali.

[3] Ara fost oħrajn Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Emanuel Magro deċiża nhar it-2.6.2004, mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Joseph Scerri deċiża nhar it-12.5.04 deċiża mill-Imħallef David Scicluna, Pulizija vs Salah Aldin M.m.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 mill-Imħallef VincentDegaetano, Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 mill-Imħallef Joe Galea Debono, Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Carmel Zammit sive Charles deċiża nhar id-29.07.2002, Pulizija vs Emanuel Testa deċiża nhar is-17.7.02 mill-Imħallef Vincent Degaetano, Pulizija vs Joseph Attard deċiż nhar is-26.01.01 mill-Imħallef Patrick Vella, ilkoll deċiżi mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri.

**17.** L-appellant ma jindika ebda attenwant ieħor apparti l-ammissjoni tiegħu, għalkemm jikkontendi illi l-ġlieda li inqalgħet bejnu u bejn il-vittma kellha storja ta' diżgwid u li allura b'xi mod seta' jiġġustifika l-aġir inkriminatorju tiegħu. Illi f'dan il-każ il-Qorti tara illi l-uniku attenwanti li l-Qorti Kriminali kellha quddiemha kienet proprju l-ammissjoni tal-appellant magħmula fi stadju bikri, u ċioe' dak kumpilatorju. L-appellant ma jippreżenta ebda ċirkostanza oħra mitiganti għar-reat gravi kommess minnu, dak tal-omiċidju, u dan għaliex bl-ammissjoni minnu irreġistrata, il-Qorti Kriminali kienet ippreżentata b'fatti ippruvati li ma jinkludu ebda skużanti jew skriminanti u kwindi kellha tasal għas-sentenza tagħha fuq dawk il-fatti kif ammessi.

**18**. Illi kif tajjeb stqarret il-Qorti Kriminali meta ġiet għal kalibrazzjoni tal-piena, hemm fatturi aggravanti li, fil-fehma ta' din il-Qorti, meta imqiegħda fuq il-bilanċ tal-ġustizzja ixaqilbu kontra l-appellant. Jibda biex jingħad illi l-fedina penali tal-appellant, għalkemm mhux xi waħda allarmanti, madanakollu mhijiex lanqas netta, bl-appellant jidher li kien mijsub ħati għal aktar minn darba li ikkommetta diversi reati waqt li kien fis-sakra, u dan f'temp ta' xahar wieħed. Magħdud ma' dan hemm ukoll il-mod vjolenti li bih kien kommess ir-reat, bil-vittma jaqla' diversi daqqiet ta' sikkina b'mod ripetut f'diversi bnadi f'ġismu, anke meta ipprova jaħrab mill-aggressur tiegħu. Mhux biss, iżda għalkemm kien hemm l-intervent ta' terzi persuni li ppruvaw irażżnu lill-appellant, dan ma sewa għal xejn u ma rnexxiex biex iġiegħlu jiddesisti mill-aggressjoni vjolenti fuq il-vittma tiegħu. Illi *di piu'* l-appellant seta' jipprevedi l-azzjonijiet tiegħu waqt din il-ġlieda mal-vittma tiegħu meta ħass li f'din it-taqtigħa kellu juża sikkina li kien iġorr fuqu, u dan għalkemm, kif jemerġi mill-evidenza kkumpilata, ma jidhirx illi kien hemm xi ħtieġa għall-użu tal-istess. Illi allura abbażi ta' dawn il-fatti probatorji huwa evidenti illi meta l-unika ċirkostanza attenwanti tkun dik tal-ammissjoni bikrija, waħedha mhijiex biżżejjed sabiex tintitola lil ġudikabbli għal xi skont ulterjuri fil-piena, iktar u iktar meta f'dan il-każ, il-Qorti Kriminali applikat it-tnaqqis fil-piena kif maħsub fl-artikolu 492 tal-Kodiċi Kriminali, għalkemm ma tindikax dan l-artikolu tal-liġi fid-deċiżjoni tagħha.

**19**. Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju imqanqal mill-appellant illi l-piena erogata kienet xi waħda eċċessiva ma jistħoqqilhiex akkoljiment. Dan għaliex, kif ingħad, ma jeżistu ebda ċirkostanzi oħra ġustifikati bil-liġi, li jistgħu iwasslu għal xi attenwanti ulterjuri tal-piena, piena li tinkwadra ruħha perfettament fil-parametri tal-liġi.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**